27 ta' Ottubru, 1951

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Henriette Mifsud Bonnici *versus* Maurice Mifsud Bonnici**

**Aggressjoni — "Vie di Fatto" — Provokazzjoni.**

***Fir-reat ta' aggressjoni, jew "vie di fatto", il-provokazzjoni ma hi qatt skriminanti, iżda attenwanti biss, u tinfluwixxi biss fuq il-piena.***

Fuq il-kwerela tal-kwerelanti, talli f'Hal Lija l-kwerelant uża kontra tagħha "vie di fatto", b'sentenza tal-20 ta' Mejju 1951, il-kwerelat, fuq ir-raġuni ta' provokazzjoni serja, ġie liberat; bl-ispejjeż mingħajr taxxa:

Il-kwerelanti appellat;

B'sentenza tal-20 ta' Lulju 1951 dina l-Qorti ddikjarat appellabili s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati, u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kwerelanti relativa għan-nullità tas-sentenza appellata;

Il-*Qorti* semgħet mill-ġdid il-provi, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Irriżulta li l-partijiet huma aħwa, u fl-epoka li ġraw il-fattijiet li taw lok għall-kwerela kienu jgħixu t-tnejn f'dar missierhom. Bejniethom kien hemm ċertu attrit familjari...... Ġara li ġurnata waħda l-kwerelat, li anki drabijiet oħra kien uża ċerti pettegolezzi mal-kwerelata, x'ħin daħal id-dar u sab lill-ommu nkwetata, mar insistentement jitlob lill-kwerelanti l-ħlas ta' żewġ xelini li kien jippretendi li kellu jieħu talli tala' xhud f'kawża privata tal-kwerelanti, u dina weġbitu bil-kliem "jekk tridhom aqbdilhom f'idhom". Dak il-ħin il-kwerelanti kienet bil-kuċċarun f'idha qiegħda terfa' ftit brodu u qara' bagħli mill-borma; u l-kwerelat irreaġixxa billi xejrilha daqqa ta' sieq, laqat il-kuċċarun, u tajjarulha. Fuq dan il-kwerelanti għamlet il-kwerela;

Huwa verament deplorevoli li ż-żewġt aħwa waslu sal-pont li jagħtu lok għal fatti bħal dawn, iżda ma jistax jiġi miċħud li dawk il-fatti jikkostitwixxu "vie di fatto" u aggressjoni da parti tal-kwerelat; u l-"vie di fatto" u l-aggressjoni m'humiex permessi lanqas bejn l-aħwa impunement; u għalkemm hu desiderabili li inċidenti familjari jirrisolvu ruħhom weħdihom fl-ambjent tal-familja, kulħadd għandu d-dritt jinvoka l-protezzjoni tal-liġi;

L-ewwel Qorti lliberat lill-kwerelat għax rat li kien hemm provokazzjoni serja; iżda l-provokazzjoni fir-reat ta' aggressjoni u "vie di fatto" ma hi qatt skriminanti, iżda attenwanti biss, u tinfluwixxi biss fuq il-piena (ara sent. ta' dil-Qorti tal-25 ta' Awissu 1924 re "Polizia vs. Jùsef Lahmel". Kollez. XXV—IV—1013). Fil-każ tal-partijiet dina l-Qorti lanqas ma tara provokazzjoni serja da parti tal-kwerelanti li setgħet tiġġustifika l-atteġġjament aggressiv tal-kwerelat;

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li rat l-art. 353 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelat ħati ta' "vie di fatto" kontra l-kwerelanti, u tikkundannah għall-ammenda ta' 2s. 6d. u l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, barra dawk tas-seduta tat-23 ta' Ġunju 1951 li jibqgħu għall-kwerelanti. L-onorarju tad-difensuri jibqa' fissat għal 15s. għal kull waħda mis-seduti tal-10 ta' Lulju, tad-

29 ta' Settembru, u tas-6 ta' Ottubru 1951, u 10s. għal kull seduta oħra.